



II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 169/14**  
II-Lussemburgo, 10 ta' Diċembru 2014

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

**Impenn solenni tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

*Udjenza solenni tal-10 ta' Diċembru 2014*

Matul udjenza solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, miżmuma llum fit-15:30, il-President u I-Membri tal-Kummissjoni Ewropea ħadu l-impenn solenni previst fit-Trattati, fil-preżenza tal-Altezza Rjali tagħhom, il-Gran Duka eredi u I-Gran Dukessa eredi, u tal-Prim Ministru tal-Gran Dukat tal-Lussemburgo, Xavier Bettel.

L-impenn solenni ttieħed minn Jean-Claude Juncker, President, Frans Timmermans, I-ewwel Viċi President, Federica Mogherini, Viċi President u Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-affarijiet barranin u I-politika ta' sigurtà, Kristalina Georgieva, Viċi President, Andrus Ansip, Viċi President, Maroš Šefčovič, Viċi President, Valdis Dombrovskis, Viċi President, Jyrki Katainen, Viċi President, Günther Oettinger, Johannes Hahn, Cecilia Malmström, Neven Mimica, Karmenu Vella, Vytenis Andriukaitis, Dimitris Avramopoulos, Marianne Thyssen, Pierre Moscovici, Christos Stylianides, Phil Hogan, Jonathan Hill, Violeta Bulc, Elżbieta Bieńkowska, Věra Jourová, Tibor Navracsics, Corina Crețu, Margrethe Vestager u Carlos Moedas.

Minkejja li t-Trattati ma jipprevedux il-modalitajiet speċifiċi għat-teħid tal-impenn solenni, il-Kummissjoni dejjem tat-importanza kbira għall-fatt li l-impenn jittieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li ġġedded id-dedikazzjoni tagħha għal din it-tradizzjoni, il-Kummissjoni l-ġdid qiegħda tieħu dan l-impenn iktar malajr milli għamlet fil-passat, u dan xahar biss wara I-bidu tal-attività tagħha.

L-impenn solenni meħud mill-President u mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea huwa s-segwenti:

*"Mañtur Membru tal-Kummissjoni Ewropea mill-Kunsill Ewropew, wara l-vot ta' approvazzjoni tal-Parlament Ewropew*

*Jiena nimpenja ruħi solennement:*

*li nosserva t-Trattati u I-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħi kollha;*

*li neżerċita r-responsabbiltajiet tiegħi b'indipendenza totali, fl-interess ġenerali tal-Unjoni;*

*li fit-twettiq tal-kompeti tiegħi la nfitteż u lanqas nieħu struzzjonijiet minn xi gvern, istituzzjoni, korp jew organu;*

*li ma nwettaq ebda att li huwa inkompatibbli man-natura tal-funzjonijiet tiegħi jew mat-twettiq tal-kompeti tiegħi.*

*Jiena nagħraf I-obbligu stabbilit mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li bis-saħħha tiegħu kull Stat Membru għandu josserva din in-natura u għandu jastjeni milli jfittex li jinfluwenza l-İll-Membri tal-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompeti tagħhom.*

*Jiena nimpenja ruħi wkoll li, matul il-perijodu tal-kariga tiegħi u wara li tintemm, nossera l-obbligi marbuta mal-pożizzjoni tiegħi, b'mod partikolari d-dmir li naġixxi b'integrità u diskrezzjoni f'dak li jirrigwarda l-aċċettazzjoni ta' ċerti inkarigi jew ta' ċerti beneficiċċi wara t-tmiem ta' din il-kariga.”*

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106*